Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2007

Numru 1308/2007

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR RAMON MERCIECA**

**KONTRA**

**MARY GAUCI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Mary Gauci nee’ Rapinett ta’ 68 sena, bint il- mejjet John u Theresa nee’ Valletta, mwielda Birkirkara, nhar il- 25 ta’ Settembru 1939, residenti gewwa l- fond numru 102, Main Street, Birkirkara u detentrici tal- Karta tal- Identita’ bin-numru 663039(M);


Qrati tal-Gustizzja

Akkuzata talli nhar it- 13 ta’ Ottubru 2007, ghall- habta ta’ xi 23.45hrs, gewwa Birkirkara u matul ix-xhur ta’ qabel b’diversi atti maghmulin minnha, wkoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiskru l- istess disposizzjoni tal- Ligi, u li jkunu gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, u cioe’ talli volontarajemnt hassret, ghamlet hsara jew gharrqet hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cio’e ghamlet hsara fil- vetturi bin- numru tar- registrazzjoni HBC 248 tal- marka Fun Cargo Toyota ghad- dannu ta’ PS 508 Francis Bezzina, fuq vettura bin- numru tar- registrazzjoni EAH 583 tal- marka Hyundai Lantra ghad- dannu ta’ PS 1270, fuq vettura bin- numru tar- registrazzjoni LOR 786 tal- marka Peugeot 206 ghad- dannu ta’ Lorraine Mifsud, fuq vettura bin- numru tar- registrazzjoni DBH 545 tal- marka Toyota Tercel ghad- dannu ta’ PC 792 Alfred Camilleri, fuq vettura bin- numru tar- registrazzjoni TGR 125 tal- marka Toyota Vitz ghad- dannu ta’ PC 1512 Stephen Cutajar, fuq vettura bin- numru tar- registrazzjoni KEV 826 tal- marka Ford Escort ghad- dannu tal- Ispettur Kevin Farrugia u fuq vettura bin- numru tar- registrazzjoni FAE 758 tal- marka Citroen ghad- dannu ta’ PC 820 Jonathan Vella liema hsarat huma ta’ aktar minn Lm 500 (hames mitt lira Maltin) u dan u bi ksur tal- Artikoli 18, 325 (a) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Wara li rat l- Artikoli 18 u 325 (a) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta

Wara li rat l- ammissjoni tal- imputata fl- aktar stadju bikri ta’ dawn il- proceduri, wara li nghata zmien xieraq skond il- Ligi sabiex tikkonsidra din l- ammissjoni taghha.

**Ikkunsidrat:**

Din il- Qorti qed issib lil imsemmija imputata Mary Gauci hatja, izda tilliberaha bil- kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tlitt (3) snin, ai termini tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta’ Malta;

Barra minn hekk din il- Qorti tordna wkoll lill- istess imputata thallas is- somma ta’ Lm 1, 200 (elf u mitejn lira Maltin) bhala hsarat sofferti mis- sidien tad- diversi vetturi, fi zmien erba’ (4) xhur mil- lum, ai termini tal- Artikolu 24 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas-sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------